

MISTOQSIJA BIL-MIKTUB E-2337/07  
minn Simon Busuttil (PPE-DE) u David Casa (PPE-DE)  
lill-Kummissjoni

Suġġett: L-Artikolu 9 tad-Direttiva 79/409/KEE

L-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar il-Konservazzjoni ta' Għasafar Salvaġġi (79/409/KEE<sup>1</sup>) jippermetti lill-Istati Membri li japplikaw deroga, fi ħdan il-limiti preskritti mill-Artikolu, u li jiġġustifikaw applikazzjoni bħal din mal-Kummissjoni.

Kemm-il ġustifikazzjoni bħal din dwar l-applikazzjoni tad-deroga msemmija l-Kummissjoni rċeviet mill-Istati Membri minn Jannar ta' l-2004 u f'rabta ma' liema pajjiżi u ma' liema prattiki tal-kaċċa?

Il-Kummissjoni tagħmel disponibbli għall-pubbliku l-fehmiet tagħha dwar derogi bħal dawn?